MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1150/2012

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 t'Ottubru 2013**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 1150/2012/JPG**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**
**Paul Zammit**
**(K.I numru 392956(M))**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Romuald Attard (K.I. numru 644756M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. tal-20 ta' Novembru 2012 li jaqra hekk:

*1. "Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', datat 5 ta' Dicembru 2001 (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil Paul Zammit;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Paul Zammit fis-somma ta' mija u hamsa u erbghin elf u mija u sittax-il Ewro u tletin centezmu (€145,116.30) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Paul Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B1 sa B5"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Paul Zammit:*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, sopraindikat u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Paul Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5. Illi l-konvenut Paul Zammit gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 10 t' Ottubru 2008, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarakta Dok "C", sabiex jithallas*

*id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul Zammit:*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, sopraindikat u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Paul Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

*2. Tikundanna lil Paul Zammit jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u erbghin elf u mija u sittax-il Ewro u tletin centezmu (€145,116.30) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' mija u hamsa u erbghin elf u mija u sittax-il Ewro u tletin centezmu (€145,116.30) mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B1 sa B5"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 t'Ottubru 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat in-nota t'**ammissjoni** ta' Paul Zammit tad-29 ta'Mejju 2013 a fol 34;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur fil-kaz in ezami mhumiex kontradetti, anzi jirrizulta illi l-konvenut ammetta t-talbiet tal-bank attur, permezz tan-nota tieghu tad-29 ta'Mejju 2013, (vide - fol 34).

**Ghaldaqstant, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------